MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Numru 125/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**vs**

**Almahdi Alhadi Meftah ta' 27 sena, iben Hadi u Lajla nee Masun, imwieled Tripoli, Libja fl-20 ta' Jannar, 1980 u li joqghod Strawberry Fields, Flat nru. 10, Triq Blanche Huber, Sliema detentur tal-passaport Libjan bin-numru 524092**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Almahdi Alhadi Meftah li gie akkuzat talli fl-1 ta' Frar, 2007, ghall-habta

tas-6.00 a.m.u/jew fix-xhur ta‘ qabel, b’diversi atti maghmulin mill-imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, f’dawn il-Gzejjer

(1) Talli fl-1 ta‘ Frar, 2007 bejn is-2.30 a.m. u s-6.00 a.m. minn Triq F. Vidal Swieqi ikkommetta serq ta‘ apparat sterofoniku minn vettura tal-marka Mazda 323, numru tar-registrazzjoni EMM-323, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltlin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li dan sar ghad-dannu ta‘ James Testa u/jew ta‘ persuni ohra;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe karozza tal-marka Mazda 323, numru tar-registrazzjoni EMM-323, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin, imma izjed minn hamsin lira Maltin (Art 325(1)(b)) tal-Kapitlu 9, u li saret ghad-dannu ta‘ James Testa u/jew ta‘ persuni ohra;

(3) Talli fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta‘ Jannar, 2007 minn Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera ikkommetta serq ta‘ apparat stereofoniku u xi affarijiet ohra minn vettura tal-marka Opel Corsa, numru tar-registrazzjoni JBF-998 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li dan sar ghad-dannu ta‘ Joseph Attard u/jew ta‘ persuni ohra;

(4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe karozza tal-marka Opel Corsa, numru tar-registrazzjoni JBF-998, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin, imma izjed minn ghaxar liri Maltin (Art.325(1)(c) tal-Kapitlu 9) u li saret ghad-dannu ta‘ Joseph Attard u/jew persuni ohra

(5) Talli fil-lejl bejn it-22 u t-23 ta‘ Jannar, 2007 minn Triq l-Akkewdott, Birkirkara, ikkommetta serq ta‘ apparat sterofoniku minn vettura tal-marka Isuzu Gemini numru tar-registrazzjoni IAP-219, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltlin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li dan sar ghad-dannu ta‘ Mark Alexander Baker, u/jew ta‘ persuni ohra;

(6) Fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, volontarjament hassar,ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli cioe karozza tal-marka Isuzu Gemini, numru tar-registrazzjoni IAP-219, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin (Art 325 (1) (b) tal-Kapitlu 9 u li saret ghad-dannu ta‘ Mark Alexander Baker u/jew ta‘ persuni ohra;

(7) Talli fit-22 ta‘ Jannar, 2007 bejn nofs il-lejl u l-4.15 a.m. minn Triq is-Soll, Santa Venera, ikkommetta serq ta‘ apparat stereofoniku, two way radio tal-pulizija u xi affarijiet ohra minn vettura tal-marka Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni CBO-941, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li dan sar ghad-dannu ta‘ Jonathan Pace, tal-Gvern ta‘ Malta u/jew ta‘ persuni ohra;

(8) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe karozza tal-marka Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni CBO-941, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin (Art 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 u li saret ghad-dannu ta‘ Jonathan Pace u/jew ta‘ persuni ohra;

(9) Fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta‘ Dicembru, 2006 minn Triq il-Kuncizzjoni, Msida ikkommetta serq ta‘ apparat stereofoniku u xi affarijiet ohra minn vettura tal-marka Peugeot, numru tar-registrazzjoni FAI-104, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li dan sar ghad-dannu ta‘ Kevin Agius u/jew ta‘ persuni ohra;

(10) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar,ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe karozza tal-marka Peugeot, numru tar-registrazzjoni FAI-104, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin ghad-dannu ta‘ Kevin Agius u/jew ta‘ persuni ohra

(11) Akkuzat ukoll talli fis-7 ta‘ Frar, 2007 ghall-habta tal-5 p.m. gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Furjana irrifjuta li jaghti jew ta partikularitajiet tieghu innifsu foloz lill-pulizija waqt il-qadi ta‘ dmirijiethom (Art 338(g) tal-Kapitlu 9);

(12) Ukoll talli fis-7 ta‘ Frar, 2007 ghall-habta tas-7.30 p.m. u/jew qabel din id-data f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa‘ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq

jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceudri sommarji.

Rat li fi stadju ta'interrogatorju l-akkuzat wiegeb li kien hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi fi stadju ulterjuri l-istess akkuzat irtira l-ammissjoni tieghu kif kellu dritt jaghmel, dana fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2007. Pero' f'seduta tat-18 ta' April, 2007 reghghet gie registrata ammissjoni fuq l-akkuzi ta' serq u hsara volontarja u fuq ir-reat kontravenzjonali eskluza l-akkuza ta' ricettazzjoni. Rat ukoll in-nota prezentata, fuq ordni tal-Qorti datata 23 ta' April, 2007, fejn l-akkuzat reggha tenna l-ammissjoni tieghu. L-istess ammissjoni regghet giet ikkonfermata illum 2 ta' Mejju, 2007.

Rat il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi in vista ta' l-ammissjoni registrata u kkonfermata din il-Qorti qed issib lil Almahdi Alhadi Meftah hati ta' l-akkuzi kif dedott kontra tiehgu u dan wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 279, 280 u 325 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ix-xhieda tan-nies kollha li gew derubati u anke sofrew hsara fil-propjeta' taghhom. Rat ukoll illi Meftah ma kienx hati ta' serqa wahda imma ta' sensiela ta' serqiet fi zmien qasir ta' xahrejn cirka. Rat ukol li varji mid-derubati baqghu lanqas ircevew kumpens ta' dak li nsterqilhom u lanqas tal-hsara li sofrew fil-propjeta'

taghhom. Rat anke b'mod partikoli dak li stqarr l-istess akkuzat fl-istqarrija minnu rilaxxata a fol 4, 5 u 6. Hawn jghid li hu kien jisraq l-istereos ghax kien iggennen fuq is-sound. Jghid li beda jisraq l-istereos, izommhom ghal uzu tieghu fil-karozza tieghu ghal gimgha jew tnejn imbaghad ibieghhom.

Illi fil-fatt il-Qorti giet mistiedna mid-Difiza tapplika l-artiklu 28A tal-Kapitlu 9 u dan anke in vista ta' l-ammissjoni tieghu u ghal fatt li ghandu fedina penali netta, pero' tqis il-Qorti illi in vista ta'l-ammont ta' serq li sar fi zmien qasir illi fil-fatt l-akkuzat ghandu jbati piena karcerarja ghaldaqstant wara li rat l-artikoli gia hawn fuq imsemmija qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena u dan anke wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9.

Tillibera lil Meftah mill-akkuza ta' ricettazzjoni in kwantu tqis li hija wahda alternattiva ghal dik principali tas-serq.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------